MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Numru. 21/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**KONTRA**

**SVETLANA MALLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Svetlana Mallia ta’ 25 sena, bint Carmelo Dimech u Josephine nee’ Chircop, mwielda Pieta’ nhar is- 6 ta’ Novembru 1985, residenti Memories, Triq Mikiel Ang Sapian, Zebbug u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 579085M;

Li giet mressqa quddiemna sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli ;

1) Nhar l- 10 ta’ April 2008 u fix- xhur u granet ta’ qabel, ghamlet falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halqet pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2) U aktar talli fl- istess zmien xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

3) U aktar talli ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputata l-Qorti qed issibha hatja ta' dan ir-reat u tista' ghalhekk tghaddi ghas-sentenza. Jidher li l-mertu tal-kawza ghandu retroxena ta' kawza ta' separazzjoni civili bejn l-imputata u l-parti leza, Clinton Mallia. Hi giet akkuzata li ffalsifikat il-firma tar-ragel taghha biex tkun tista' tbiegh vettura minghajr il-kunsens tieghu. Huwa evidenti ferm li l-firem allegatament ta' Clinton Mallia m'humiex tieghu, u l-Qorti rat somiljanza kbira bejn il-firma tal-imputata fuq l-istqarrija taghha u l-kitba allegatament il-firma tar-ragel taghha. Madankollu, fil-mori tal-kawza, il-partijiet ftiehemu fuq separazzjoni bonarja fejn intrabtu li jirrinunzjaw ghall-azzjonijiet kriminali li mexxew kontra xulxin. Ghalkemm din l-azzjoni m'hix rinunzjabbli, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-ftehim milhuq bejniethom u ghalhekk ma tarax li ghandha timponi piena ta' prigunerija f'dan il-kaz, haga li zgur kienet lesta li taghmel li kieku ma saretx l-ammissjoni u li kieku ma kienx hemm din ir-rinunzja reciproka kif gia' inghad.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 183, 184 u 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------